MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-22 ta' April, 2005

Avviz Numru. 170/2004

**Avviz numru 170/04DM**

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Anthony Cutajar ghan-nom u in rapprezentanza ta' Christian Fellow Ship I.D. 468155 M**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u wiehed u sittin liri Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2,061.78) rappresentanti ammont b'numru telefoniku 21224359 (skond kif jirrizulta mill-'istatements' annessi mall-avviz Dok A, Dok B) liema servizz gie stallat fil-fond Triq Censu Farrugia, Msida (CN203390 a/c 10070064) u dana kif jirrizulta mill-kopja ta' l-applikazzjoni annessa ma' l-Avviz u mmarkata Dok C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-presenti, u ta’ l-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Il-Qorti rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li rat id-dokumenti esebiti, semghet bil-gurament lill-P.L. Noel Scerri, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta’ elfejn, wiehed u sittin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm2,061.78) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mit-23 ta’ Marzu, 2004.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------